



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 60/26

Il-Lussemburgu, 21 ta' April 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-155/24 | Nederlandse Voedsel- en Warenautoriteit et

Sustanzi noċivi emessi mis-sigaretti bil-filtru: jekk direttiva tal-Unjoni li hija intiża sabiex tippoteġi s-saħħa tal-bniedem tirreferi għal standards internazzjonali, individwu jrid ikun jista' jikkonsultahom

Fondazzjoni Olandiża li qed tmexxi kampanja sabiex tipprevjeni t-tipjip fost iż-żgħażaġh tqis li s-sigaretti bil-filtru disponibbli għall-konsumaturi fil-Pajjiżi I-Baxxi ma jikkonformawx mal-livelli massimi ta' emissjoni ta' qatran, ta' nikotina u ta' monossidu tal-karbonju. Dawn il-livelli huma stabbiliti f'direttiva tal-Unjoni li tirreferi għal metodi ta' kejl stabbiliti mill-istandards internazzjonali (ISO). Dawn l-istandards ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li l-Fondazzjoni trid tkun tista' tivverifika jekk is-sigaretti jikkonformawx mal-livelli ta' emissjoni, skont il-metodi ta' kejl preskritti fl-istandards ISO li għalihom tirreferi d-Direttiva. Dan l-aċċess għandu jkun mingħajr restrizzjonijiet, jiġifieri ġenerali, effettiv, gratuwitu u nondiskriminatorju. Il-Qorti tal-Ġustizzja tinnotta f'dan ir-rigward li fil-fatt il-partijiet kollha kellhom aċċess għall-kontenut tal-verżjoni uffiċjali u awtentika ta' dawn l-istandards ISO. Minn dan isegwi li l-Fondazzjoni ma tistax tirrikorri għal metodi ta' kejl alternattivi għal dawk preskritti minn dawn l-istandards ISO, anki jekk dawn ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sabiex jiġi żgurat l-irtirar mis-suq tas-sigaretti bil-filtru.

Fl-2018, il-Fondazzjoni Olandiża għall-Prevenzjoni tat-Tabakk fost iż-Żgħażaġħ talbet lill-Awtorità Olandiża għas-Sigurtà tal-Ikel u tal-Prodotti għall-Konsumatur (NVWA) sabiex tiżgura li s-sigaretti bil-filtru fil-Pajjiżi I-Baxxi jikkonformawx mal-livelli massimi ta' emissjoni ta' qatran, ta' nikotina u ta' monossidu tal-karbonju. Dawn il-livelli huma stabbiliti f'direttiva tal-Unjoni ¹.

Peress li l-NVWA irrifjutat din it-talba, il-kawża ġiet ippreżentata quddiem il-qorti Olandiżi. Fl-2020, il-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam rreferiet domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet ir-risposti f'sentenza tat-22 ta' Frar 2022 ².

Wara dik is-sentenza, il-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam iddeċidiet li l-istandards ISO msemmija fid-dritt Olandiż ma jistgħux jiġu invokati kontra l-Fondazzjoni u li l-metodu għall-kejl tal-livelli ta' emissjoni deskritt f'dawk l-istandards ma jikkonformax mad-Direttiva. Dak il-metodu, għalkemm imsemmi mill-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-fatt ma jieħux suffiċjentement inkunsiderazzjoni l-fatt li parti mill-filtru tas-sigarett tiġi mblukkata minn min ipejje meta s-sigarett jintuża kif support. Dik is-sentenza tal-Qorti Distrettwali ta' Rotterdam ġiet appellata, u f'dak l-appell saru domandi preliminari ġodda lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, b'mod partikolari, jekk dan ir-riżultat huwiex iġġustifikat fejn l-individwu li qed jipprova jiżgura l-konformità mal-istandards applikabbli fuq is-sigaretti mqiegħda fis-suq kellux aċċess għall-istandards ISO inkwistjoni.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Fondazzjoni, li l-iskop tagħha jidher li jaqa' fl-ambitu tal-għan tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem imfittex mid-Direttiva, trid tkun tista' tivverifika jekk is-sigaretti mmanifatturati u mqiegħda fis-suq jikkonformawx mal-livelli ta' emissjoni stabbiliti mid-Direttiva, skont il-metodi ta' kejl preskritti mill-istandards ISO li din id-direttiva tirreferi għalihom. **Għalhekk, individwu bħal dan irid, skont il-prinċipju tal-Istat tad-dritt, ikollu aċċess liberu għal dawk l-istandards. Dan ifisser li dan l-aċċess għandu jkun ġenerali, effettiv, gratuwitu**

u nondiskriminatorju.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva wkoll li, sa fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni jimponi obbligi relatati ma' standards internazzjonali u jfittex li jipproteġi interessi bħas-saħħa tal-bniedem, **hija l-Unjoni Ewropea li għandha l-obbligu li ssostni l-ispejjeż marbuta mal-implimentazzjoni ta' aċċess liberu għall-verżjoni uffiċjali u awtentika ta' dawk l-istandards. Dan japplika b'mod partikolari fejn dawk l-istandards huma protetti mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata f'dan ir-rigward li l-partijiet kollha kellhom aċċess għall-kontenut tal-verżjoni uffiċjali u awtentika tal-istandards ISO li għalihom tirreferi d-Direttiva inkwistjoni f'din il-kawża. F'tali ċirkustanzi, il-Fondazzjoni ma tistax tirrikorri għal metodi ta' kejl alternattivi għal dawk preskritti minn dawk l-istandards ISO, anki jekk dawn ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva 2014/40/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE.

² Sentenza tat-22 ta' Frar 2022, [C-160/20](#), Stichting Rookpreventie Jeugd et (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru [29/22](#)).